Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Natalino Fenech

Vs

Maltapost Plc

CCT 250/24/MM

Illum, 28 ta' April 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-3 ta' Diċembru 2024 fejn talab is-somma ta' elfejn mija sebgħa u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€2167.50) mingħand l-entita' intimata MaltaPost.
Ra r-risposta tal-entita' intimata.
Ra l-eċċezzjonijiet preleminari.

Ikkunsidra

Illi din hija deċiżjoni preleminari dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-konvenut.

Illi skont l-Att dwar il-Konsumatur, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kompetenza tat-Tribunal, dan għandu ġurisdizzjoni limitata għal tilwim li jirriżulta minn kuntratt ta' bejgħ jew ta' servizz bejn konsumatur u kummerċjant. Illi huwa prinċipju stabbilit

li, bħala tribunal ta' ġurisdizzjoni speċjali, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv u fil-limiti stretti previsti mil-liġi.

Fil-każ odjern, mill-provi u mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jirriżulta li r-rikorrent ma kkonkludiex kuntratt mal-konvenut, ma talabx direttament is-servizz postali mingħandu, u lanqas ma ħallas għal tali servizz. Ir-rikorrent jidher li huwa sempliċement riċevitur ta' korrispondenza mibgħuta minn terza persuna.

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jingħad li jeżisti rapport kuntrattwali bejn il-partijiet li jista' jikkwalifika bħala kuntratt ta' bejgħ jew ta' servizz fis-sens tal-liġi tal-konsumatur. It-talba tar-rikorrent ma tirriżultax minn relazzjoni ta' konsumatur ma' kummerċjant, iżda minn allegat dannu li, jekk xejn, għandu natura extra-kuntrattwali.

It-Tribunal jinnota wkoll li l-fatt li s-servizz postali huwa servizz universali ma jfissirx li kull riċevitur ta' korrispondenza jakkwista, awtomatikament, il-kwalità ta' konsumatur fir-rigward tal-operatur postali fin-nuqqas ta' rapport kuntrattwali dirett. Dan mingħajr preġudizzju sabiex min ikollu lment iressaq it-talba tiegħu quddiem il-forum opportun.
Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi li t-tilwima preżenti ma taqax fil-parametri tal-ġurisdizzjoni *ratione materiae* ta' dan it-Tribunal.

Deċiżjoni

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal jiddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-preżenti kawża u jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.
Il-kawża tibqa mingħajr taxxa.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru